MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Numru 197/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIE MICALLEF**
**KONTRA**

**JASON JOSEPH VINCE SCHEMBRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jason Joseph Vince Schembri ta’ 29 sena, bin Anthony u Mariella nee’ Callus, mwieled Kanada nhar id- 19 ta’ Marzu 1981, residenti Coleiro Flats, No. 3, Vjal De La Salle, Gzira u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 146682M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar l- 20 ta' Jannar 2011, ghall- habta tas- 1.00am f' dawn il- Gzejjer u cioe' fi Triq Rue d' Argens, Gzira u bnadi ohra f' dawn il- Gzejjer;

1) Bla ordni skond il- Ligi tal- Awtorita' kompetenti u barra mill- kazijiet li fihom il- Ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Daniela Antonelli;

2) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd u cioe' lil Daniela Antonelli taghmel, thalli jsir jew tonqod milli taghmel xi haga;

3) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb u kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il- persuna tal-istess Daniela Antonelli l- ex partner tieghu u dan kif iccertifika Dr. Glenn Garzia M.D tc- Centru tas- Sahha tal-Furjana;

4) U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl- imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe' lil Daniela Antonelli u lil Giuseppi Gatt biza' li ser issir vjolenza fuq persunthom jew il- propjeta' taghhom;

5) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel lil haddiehor u cioe' lil Daniela Antonelli ingurja jew theddid mhux imsemmi band' ohra, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mill- limit ital-provokazzjoni;

6) Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser volontarjament il- bon ordni jew il- kwiet tal- p ubbliku;

7) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura numru CAJ 003 tal- ghamla Toyota Vitz b' mod traskurat;

8) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura numru CAJ 003 tal- ghamla Toyota Vitz b' mod negligent;

9) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura numru CAJ 003 tal- ghamla Toyota Vitz b' mod perikoluz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta' dan il-kaz jittratta tilwima domestika bejn l-imputat u s-siehba tieghu, Daniela Antonelli, liema tilwima nqalghet meta ricentement hu sar jaf li hi ghandha relazzjoni ma' terz, u aktar minn hekk, meta gie infurmat li l-wild li hu kellu minnha aktarx m'hux tieghu. Dan gieghelu jirreagixxi b'mod eccessiv u aggressiv fil-konfront taghha, minghajr gustifikazzjoni, izda mahkum minn sens ta' rabja u dispjacir ghal dak li ra jigri quddiem ghajnejh. L-incident kollu beda meta hu mar isegwi lil Antonelli u jara 'l min qed tiffrekwenta, u hekk kif raha, hatafha u hadha fil-vetura mieghu biex f'tentattiv ta' rijavvicinament jitkellem maghha u jara jistax jerga' jmur flimkien maghha. Il-Qorti tissimpatizza li persuna tista' thoss id-dinja kollha tikkrolla madwarha meta tara li dak kollu li kellha ma' persuna ohra kien biss duhhan, izda l-imgieba vjolenti ma tista' qatt u qatt tigi gustifikata, taht l-ebda cirkostanza, aktar u aktar

fid-dawl tad-delitti ricenti li twettqu f' Malta minhabba tilwim bejn koppja.

Illi ghalhekk, bl-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u filwaqt li ser tikkundannah terminu ta' prigunerija sospiza, sejra tipprovdi ghas-sigurta' ta' Antonelli fl-istess sentenza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 86, 87(1)(g), 251, 221, 251B, 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija, sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal- Artikolu 412C tal- Kapitolu 9 ghal sentejn, favur Daniela Antonelli.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------